MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 2226/2003

**GasanMamo Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Jos. Hili & Sons Limited**

**Vs**

**Christopher Grech**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih is-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mitejn u erbgha u tletin lira Maltin u dsatax-il centezmu (Lm234.19c) rapprezentanti danni f'incident tat-traffiku.

Illi fir-Risposta l-konvenut eccepixxa li mhux responsabbli ghall-incident u f'kull kaz id-danni reklamati huma eccessivi.
Sema' x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

Ra li skond ir-rapport tal-Pulizija, l-assigurat tas-socjeta' attrici qal:

"He had been driving uphill Qrejten Street, from the direction of Msida towards Hamrun. A car coming from the opposite direction stopped to give way to a car emerging from on his left side Triq l-Isptar. He drove straight on and car number DAJ 342 emerged from on his left side Triq l-Isptar and dashed into his car."

Il-konvenut qal:

"He had approached Qrejten Street from Triq l-Isptar. At the corner he stopped behind the stop sign. A car that came down Qrejten Street from on his left side stopped to allow him to emerge from Triq l-Isptar into Qrejten Street. He started to emerge slowly into Qrejten Street. His right side view was blocked by a car that was parked at the right side corner of Qrejten Street / Triq l-Isptar. He collided with car number JHS 005 which had come up from on his right side Qrejten Street."

Fix-xhieda tieghu Glenn Dalli Hili qal li kien qed isuq f'Qrejten Street u kien hemm *Stop Sign* fuq ix-xellug tieghu u sab karozza go fih. Din il-karozza harget mix-xellug fejn kien hemm l-i*Stop Sign*. Hu kellu hsara fuq wara. Fil-kontro-ezami Dalli Hili qal li mhux minnu li kien hemm karozza niezla fid-direzzjoni opposta tieghu liema karozza waqfet.

Il-konvenut xehed li ried johrog ghal go Qrejten Street. Waqaf fuq l-i*Stop Sign* u beda jhares fuq ix-xellug u l-lemin. Minn fuq ix-xellug nizlet karozza. Din waqfet ghax riedet tidhol fit-triq minfejn kien ser johrog hu. Din il-persuna ghamlet sinjal biex il-konvenut johrog. Fuq in-naha tal-lemin tieghu l-konvenut kellu vettura pparkjata u ma setax jara sew x'inhu gej minn Qrejten Street, mil-lemin. Hu beda hiereg veru bil-mod u sakemm ippipja 'l barra ghadda wiehed sparat u laqtu fuq il-parti ta' wara tal-karozza.

Illi l-konvenut l-ewwel qabel ma' l-iskizz imbaghad qal li ma jaqbilx ghax hu qabez bi ftit l-i*Stop Sign*.

Fil-kawza **Zammit Vs Drago - Qorti ta' l-Appell deciza fil-5 t'Ottubru, 1998** intqal:

"Is-sewwieq li jkun diehel minn *side road* ghal go *main road* ghandu certi doveri x'josserva fosthom dak li jcedi ghat-traffiku fuq il-*main road*, li jesplora tajjeb il-*main road* qabel ma johrog fiha, dak li jmexxi *dead slow* u sahansitra jwaqqaf biex u sakemm jaccerta ruhu li jista' johrog bla hsara. (Ara wkoll **Vol. XLVI 1243**).

Hu ovvju illi aktar ma kienet diffikultuza l-manuvra li ried jaghmel il-konvenut minhabba l-*blind corner* li kellu jinnaviga w aktar ma kienet limitata l-vizwali tieghu fuq ix-xellug, u aktar ma kienet dejqa u rregolari l-*main road* f'dak it-tratt, aktar kellha tkun id-diligenza li kellu jezercita l-konvenut bhala *side road user*…kien obbligat li jesplora t-triq f'pozizzjoni orizontali in rispett tal-*main road*, l-aktar l-aktar *inching out* ghal dak il-minimu mehtieg biex jirfes fuq il-karreggjata tat-triq principali. U jekk anki b'hekk il-vizwali tieghu kienet tibqa' ostakolata, hu kien obbligat li ma johrogx ghal fuq dik il-karreggjata qabel ma jitlob jekk mehtieg l-ghajnuna ta' terzi. F'cirkostanzi bhal dawn il-konvenut kien jipprocedi *at his own risk and peril*."

Meta tkellem mal-Pulizija ezatt wara l-incident, il-konvenut qal li beda hiereg u l-vizwali fuq il-lemin tieghu kienet *blocked*. Illi jekk ma setax jara, l-konvenut kellu d-dover johrog vera bil-mod. Illi l-konvenut kellu d-dover jassigura li ma jostakolax it-traffiku fuq il-*main road*. Illi anki jekk kellu l-vettura KBF 064 fuq il-lemin tieghu l-konvenut kellu d-dover li jara dawk il-karozzi gejjin mil-lemin.

Ghaldaqstant jiddikjara li l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-incident.

Illi gew esebiti l-ircevuti u jidhru ragunevoli.

Ghaldaqstant jichad ir-Risposta tal-konvenut, jiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-habta u

jikkundanna lill-istess konvenut biex ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' mitejn u erbgha u tletin lira Maltin u dsatax-il centezmu (Lm234.19c) bl-ispejjez u bl-imghax mis-6 t'Ottubru, 2004.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------